**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kawza Numru: 4940/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri u DIER)**

**vs**

**Duncan Fenech**

Illum, 8 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **DUNCAN FENECH**, detentur tal-karta tal-identita` numru 0547174(M), residenti Entoria Mans, Fl 2, Triq Ġanni Chetcuti, Il-Mosta.

Akkuzat talli b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:

Fil-kwalità tiegħu ta' Direttur jew Segretarju jew Rappreżentant legali jew *manager*, tal-kumpannija C-64607 - M RECRUITMENT LIMITED bl-indirizz reġistrat 6, Triq il-Kurat Bezzina, Il-Mosta, u/jew bħala l-persuna li kien inkarigat mill-istess Kumpannija sabiex iħallas il-pagi skont il-liġi:

Naqas milli jħallas lill-impjegata LOURDES KATHERIN RESTREPO CASTILLO (KI 0258329A):

1. il-paga dovuta għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ġunju 2021 u t-12 ta' Lulju 2021, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' €1,314.81;
2. il-*weekly allowance* dovuta pro-rata skont il-liġi għall-perjodu ta' bejn l-1 t'April 2021 u t-1 ta' Lulju 2021, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' €65.24;
3. il-bonus statutorju dovut pro-rata skont il-liġi għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2021 u t-12 ta' Lulju 2021, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' €142.82;
4. għal *vacation leave* akkumulat u mhux utilizzat, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' €221.60

Globalment ammontanti għas-somma ta' **elf, seba mija u erba u erbgħin Euro u seba u erbgħin ċenteżmu (€1,744.47)**

Il-Qorti giet mitluba sabiex apparti l-hlas tal-penali skont il-liġi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tordna lill-imputat sabiex iħallas lill-imsemmija LOURDES KATHERIN RESTREPO CASTILLO (KI 0258329A) is-somma elf, seba mija u erba u erbgħin Euro u seba u erbgħin ċenteżmu (€1,744.47).

Rat li dawn il-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet tas-S.T.O. il-Prim' Imhallef Mark Chetcuti tat-30 ta' Ottubru 2023[1].

Rat illi kemm il-prosekuzzjoni u d-difiza ezawrew il-provi taghhom fis-seduta tad-29 ta' April 2024[2].

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax xhieda li nstemghet quddiemha *viva voce*.

Fis-seduta tad-29 ta' April 2024 xehed **Nigel Xuereb Said[3] in rapprezentanza tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi (DIER)** li spjega li fis-26 ta' Lulju 2021, il-parte civile Lourdes Castillo ghamlet ilment mal-istess Dipartiment kontra l-employer taghha M Recruitment Ltd minhabba li ma thallsitx il-paga ta' bejn l-1 ta' Gunju 2021 u t-12 ta' Lulju 2021, bonuses pro-rata ta' Gunju, Settembru u Dicrembru kif ukoll pro-rata tal-vacation leave. Il-parte civile kienet ilmentat li minkejja li rceviet il-payslips, il-hlas qatt ma sar. Ix-xhud ipprezenta rendikont tas-sommom kollha dovuta lill-parte civile kif ukoll payslips relattivi ghal Gunju u Lulju 2021 u rendikont bankarju. In kontro-ezami ix-xhud iccara li r-rendikonti kienu nhadmu minn certi Luke Spiteri u Doreen Borg u li ghalkemm id-DIER ikun strah fuq l-informazzjoni mghoddija lilu mill-parte civile, ikun ghamel ukoll investigazzjoni indipendenti – inkluz li jiehu l-verzjoni taz-zewg partijiet.

[1] Fol. 6A tal-atti processwali
[2] Fol. 15 tal-atti processwali
[3] Fol. 16-21 tal-atti processwali

Fl-istess seduta cehed il-**PL Quentin Tanti**[4] **f'isem il-Malta Business Registry (MBR)**. Ikkonferma li skont informazzjoni ufficjali li ghandu l-MBR, mis-sena 2021 sal-prezent id-Direttur u rapprezentant legali u gudizzjarju tal-kumpanija M Recruitment Ltd. (C-64607) kien u huwa l-imputat Duncan Fenech.

Fl-istess seduta xehdet bil-lingwa Ingliza **il-parte civile Loudes Katherin Restrepo Castillo**[5]. Ikkonfermat li kienet tahdem ma M Recruitment Ltd u kienet stazzjonata fil-Portomaso Casino. Ghamlet rapport mad-DIER minhabba li ma thallsitx l-ahhar xahar paga. Dwar dan in-nuqqas ta' hlas kienet ukoll tkellmet ma diversi rapprezentanti tal-kumpanija fosthom "Duncan Fenech" li ghalkemm qatt ma ratu *in persona*, kkorrispondiet mieghu bl-imejl. Madankollu, baqa' ma kien l-ebda zblokk tas-sitwazzjoni ghax il-kumpanija bdiet l-ewwel tallega li kienet hadet sick-leave b'mod abbuziv u imbaghad li kienet irrizenjat volontarjament mill-impieg taghha. Fil-fatt sahqet li qatt ma kienet iffirmat ittra ta' rizenja u prezentat sensiela ta' certifikati medici li jkopri l-assenszi taghha mix-xoghol tul il-perjodu in kwistjoni. Tghid li kellha taghmel rapport mad-DIER minhabba li l-hlas baqa' ma sarx. In kontro-ezami tghid li l-Portomaso Casino kienu qatghulha l-access ghall-*app* li kienet tuza qabel biex tidhol ghax-xoghol fejn kienet stazzjonata u mhux M Recruitment Ltd strattament.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni:**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tad-29 ta' April 2024[6], fejn il-prosekuzzjoni sahqet li mill-provi prodotti, jirrizulta li l-ammonti dovuti lill-parte civile ma thallsux u in kwantu ta' piena, kemm il-darba jkun hemm

[4] Fol. 26-27 tal-atti processwali
[5] Fol. 28-35 tal-atti processwali
[6] Fol. 42-44 tal-atti processwali

ordni ta' hlas favur il-parte civile, ma hemm l-ebda insistenza dwar piena lejn il-massimu. Id-difiza mill-banda l-ohra, tghid li hemm dubju f'dan il-kaz ghax il-parte civile mhux konsistenti mix-xhieda taghha u minhabba li ufficjali tad-DIER li preparaw ir-rendikont ta' dak allegatament dovut lill-parte civile mill-imputat ma gewx prodotti biex jixhdu. Ghalhekk talbet li l-imputat ghandu jigi liberat minn kull htija u piena.

**Ikkunsidrat:**

F'proceduri ta' din ix-xorta, il-prosekuzzjoni hija mistennija li tipprova n-ness ta' imjieg bejn il-parte civile u l-imputat kif ukoll il-fondatezza tal-ammont allegatament dovut lill-parte civile.

Prova li l-parte civile kienet fil-fatt tadem mal-imputat tohrog kemm mill-fatt li l-parte civile kienet qed tircievi pagamenti versu salarji minghand M Recruitment Limited tramite Revolut u aktar minn hekk, mill-fatt li sahansitra anke` ghall-perjodu mertu tal-imputazzjoni, inhargu l-payslips mill-imsemmija kumpanija. L-awtenticita` ta' dawn il-*payslips* ma giet bl-ebda mod dibattuta mid-difiza.

Rapprezentant tal-Malta Business Registry ikkonferma li l-imputat Duncan Fenech kien id-Direttur u rapprezentant legali u gudizzjarji tal-kumpanija M Recruitment Limited li maghha kienet ingaggata l-parte civile fiz-zmien relevanti ghall-imputazzjoni, ghalhekk huwa stabbilit li ghandu jwieged ghall-imputazzjonijiet ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jtenni li

> *"meta reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is-soċjetà, kumpannija,*

*għaqda jew korp ieħor ta' persun ijew kienet tidher liqed taġixxi f'xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat".*

Minn naha taghha, l-parte civile kienet konvincenti fl-ispjega taghha li kienet tahdem ma M Recruitment Limited u kienet *posted* fil-Portomaso Casino u li ma gietx imhallsa s-somma ta' €1,740 dovut lilha ghall-ahhar xahar ta' impieg taghha mal-kumpanija wara li giet imwaqqfa mix-xoghol ghax kienet hadet xi *sick leave*. Prova li dan is-*sick leave* kien kopert b'certifikat mediku ingiebet[7].

Id-difiza targumenta li l-istatement of account ipprezentat mir-rapprezentant tad-DIER Nigel Xuereb Said ma giex ikkonfermat bil-gurament mill-persuna li effettivament hadmitu. Il-Qorti hija tal-fehma li certament kien ikun aktar felici li kienu tali konferma saret minn naha tal-prosekuzzjoni madankollu ma tahsibx li dan in-nuqqas wahdu huwa bizzejjed sabiex dan id-dokument jigi ghal kollox skreditat, specjalment in vista tal-fatt li l-parte civile innifisha ikkonfermat bil-gurament quddiem il-Qorti li l-ammont dovut lilha huwa wiehed immensament vicin ghal dak indikat, forsi b'aktar precizjoni, fl-imsemmi *statement of account*[8].

L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u li ma jipproduci l-ebda provi. Vera li dan huwa dritt tad-difiza, izda madankollu, il-Qorti ma ghandhiex quddiema ukoll il-verzjoni tal-fatti skont id-difiza. Dan ifisser li l-ezami li trid taghmel il-Qorti huwa jekk il-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, jilhqux il-grad li trid il-ligi. In tema, inghad li jekkk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu ritenut fil-kaz ***Pulizija vs Joseph Thorne***:

[7] Fol. 36-41 tal-atti processwali

[8] L-ammont dovut skont l-*istatement of account* huwa €1,744.47 filwaqt li fix-xhieda taghha, il-parte civile stqarret li hija fadlilha tithallas is-somma ta' €1,740. Il-Qorti tqis din id-divergenza bhala *de minimis*.

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*[9]

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz ***Il-Pulizija vs Matthew Borg***

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*[10]

Fil-kawza ***Miller vs Minister of Pension*** l-illustri Lord Denning ghallem li:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*[11]

Il-Qorti hawn ma tara l-ebda kunflitt ta' prova li jdahhal dubju sufficjenti sabiex ixejjen it-tezi tal-prosekuzzjoni. Huwa meqjus ghalhekk li l-imputazzjoni giet tabilhaqq provata sal-grad rikjest u l-imputat huwa passabbli ghal pieni u provvedimenti skont il-ligi, inkluz ordni ta' hlas favur il-parte civile dwar l-ammonti dovuti lilha.

[9] Qorti tal-Appell Kriminali (deciza 9 ta' Lulju 2003)
[10] Qorti tal-Appell Kriminali (deciza 10 ta' Novembru 2014)
[11] 1974 – 2 ALL ER 372

**Decide**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46 u 47 (2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Duncan Fenech **hati** tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-import u obbligi naxxenti minn din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-hati ihallas lil Lourdes Katherin Restrepo Castillo, detentrici tal-permess ta' residenza numru 0258329A l-ammont ta' elf, seba mija u erba u erbghin Euro u seba u erbghin centezmu (€1,744.47), u dan sa zmien sitt xhur minn din is-sentenza.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-ordni ta' hlas mil-Qorti għandu jkollha tal-istess forza u effett u tkun esegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawza civili bejn l-impjegat l-prinċipal.

**Moghtija illum nhar 8 ta' Ottubru 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**